**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Il- Pulizija
(Spt. Fabian Fleri)

-vs-

Sean Micallef

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sean Micallef talli:

1. Bejn il-21 ta' Dicembru 2015 u id-29 ta' Dicembru 2015, minn gewwa il-post bl-isem ta' 'Inter Club Pupi Zanetti Malta' li jinsab gewwa Triq l-Irmigg, Msida, ikkometta serq liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u erbghin Euro centezmu (€2329.40) u bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' id-dirigenti tal-imsemmi club u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamel hsara fis-shutter u ogetti ohra, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' id-dirigenti tal-imsemmi club u/jew persuna/i ohra.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fit-18 ta' Lulju, 2012, mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LLD, u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D. fid-digriet tieghu tat-30 ta' Settembru, 2015, li bih tah il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka il-benefiċju ta' ħelsien mill-arrest u r-riarrest tal-imsemmi Sean Micallef.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

It-tieni imputazzjonijiet ghandha tigi assorbita ma' l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni u l-fedina penali tieghu li mhix wahda netta. Oltre' dan il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni ukoll li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga u li wera x-xewqa li jibda programm ta' rijabiltazzjoni.

Billi jirrizulta li l-imputat huwa recediv a tenur ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti tqis li m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2), 325(1)(b), 579(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal erba u ghoxrin xahar (24) prigunerija effettiva li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Inoltre' b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda iddahhal fis-sehh wkoll is-sentenza sospiza ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-18 ta' Lulju, 2012.

Illi ghar-rigward tal-hlas tal-esperti, il-Qorti giet infurmata li saret *in genere*. Tenut kont tal-istadju bikri li fih gew amessi l-akkuzi, il-proces verbal relattiv kien ghadu ma giex esebit fl-atti processwali. Ghaldaqstant il-hati ghandu jhallas dawk l-ispejjez tal-esperti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri li ghad iridu jigi determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tastjeni milli tapplika l-artikoli 383 *et sequitur* billi m'hemmx tali htiega.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat waqt li jiskonta l-piena moghtija jkun jista' jsegwi programm ta' rijabiltazzjoni sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**